MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Referenza Kostituzzjonali Numru. 81/2011

**Untours Insurance Agency Ltd u din ghal Qatar Insurance Agency Company kif surrogata fid-drittijiet ta’ Emanuel Gauci u l-istess Emanuel Gauci**

**vs**

**Victor Micallef u b’digriet tal-25 ta’ Gunju 2008 gew kjamati fil-kawza Saviour Micallef, Anthony Theuma u Kevin Bartolo**

Il-Qorti:

Rat it-talba ghal referenza kostituzzjonali li Victor Micallef, Saviour Micallef u Kevin Bartolo ressqu quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta’ Ottubru 2011, u li taqra hekk:

Illi l-esponenti kienu gew notifikati bi proceduri ta' arbitragg mandatarju fejn l-atturi talbu li l-intimat Victor Micallef jigi dikjarat responsabbli ghall-incident li gara fil-31 ta' Lulju 2006 fil-Qasam Industriali, Bulebel, bejn il-vettura Toyota Tercel nru FAD 931 proprjeta' ta' Emanuel Gauci u high up crane bin-numru FBL 331 proprjeta' ta' Victor Micallef. Huma talbu ukoll li l-istess Victor Micallef jigi kkundannat ihallas id-danni fl-ammont ta' Lm1815 jew somma ohra verjuri likwidata mill-arbitru. Fil-mori tal-proceduri kienu gew ikkjamati fil-kawza l-esponenti l-ohra.

Illi b'lodo moghti mic-Centru Malti ghall-Arbitragg fit-28 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet premessi, l-arbitru Dr. John Buttigieg iddecieda billi ddikjara li Victor Micallef huwa responsabbli ghal nofs (1/2) tal-htija tal-incident mertu ta' dan l-arbitragg li gara fil-31 ta' Lulju 2006 fil-Qasam Industriali, Bulebel, limiti taz-Zejtun li fih sfat danneggjata l-vettura Toyota Tercel FAD 931 proprjeta' ta' Emanuel Gauci. L-arbitru ddikjara u ddecieda ukoll li l-kjamati in kawza Kevin Bartolo, Saviour Micallef u Anthony Theuma responsabbli ghal wiehed minn sitt parti (1/6) kull wiehed mill-htija tal-incident mertu ta' din il-kawza. L-arbitru llikwida l-ammont dovut lis-socjeta' Untours Insurance Agents Ltd u din ghall-Qatar Insurance Agency Company Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta' Emanuel Gauci fl-ammont ta' €4,146.28 u llikwida l-ammont dovut lil Emanuel Gauci fl-ammont ta' €81.52. L-arbitru kkundanna lil Victor Micallef, Kevin Bartolo, Saviour Micallef u Anthony Theuma biex ihallsu skond il-partijiet tal-htija stabbiliti minnu lis-socjeta' Untours Insurance Agents Ltd u din ghall-Qatar Insurance Agency Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Emanuel Gauci l-ammont ta' €4,146.28 kif ukoll ikkundanna lill-istess Victor Micallef, Kevin Bartolo, Saviour Micallef u Anthony Theuma jhallsu skond il-partijiet tal-htija stabbilita minnu stess lil Emanuel Gauci s-somma ta' €81.52 liema zewg ammonti ghandhom jithallsu bl-interessi mid-data tan-notifika ta' dan l-arbitragg. L-arbitru ukoll ikkundanna lill-istess Victor Micallef, Kevin Bartolo, Saviour Micallef u Anthony Theuma skond il-partijiet tal-htija minnu stabbiliti jhallsu l-ispejjez kollha ta' dan l-arbitragg inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap. 104.

Illi minn dan il-lodo, l-esponenti appellaw permezz tal-proceduri odjerni.

Illi l-ewwel aggravju tal-appell kien is-segwenti:

Illi preliminarjament, il-lodo, fl-ismijiet premessi huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghaliex, fil-mori ta' dawn il-proceduri, inghatat sentenza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet *Joseph Muscat vs Prim Ministru et* deciza fid-29 ta' Mejju 2009 (Rikors Numru. 41/2008) li ddikjarat li proceduri mmexxija taht l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-artiklu 15(11) tal-Kap. 387 (Att dwar l-Arbitragg) tal-Ligijiet ta' Malta imur kontra l-provvedimenti tal-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-appell sussegwentement kien qieghed jigi differit sakemm ikun hemm ezitu finali fil-kawza hawn fuq imsemmija.

Illi pero', fil-frattemp, inghatat sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali liema sentenza issa stabbiliet il-pozizzjoni legali fis-sens illi ddikjarat illi l-fatt illi pendenzi kontra l-Korporazzjoni Enemalta bil-fors iridu jmorru quddiem ic-Centru tal-Arbitragg imur kontra d-dritt ta' smiegh xieraq ghaliex l-arbitragg. Din is-sentenza hija *H. Vassallo & Sons Limited (C 3847) vs Avukat Generali et* (rik. Nru. 31/08) deciza fit-30 ta' Settembru 2011.

Illi issa, ladarba l-pozizzjoni hija hekk stabbilita mill-Qorti Kostituzzjonali, l-esponent hemm lok ta' referenza kostituzzjonali sabiex jigu annullati l-proceduri kollha li saru quddiem ic-Centru Malti ghal-Arbitragg.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha anke a tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni tirrimandi l-atti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) sabiex jigi determinat jekk illi proceduri ta' arbitragg mandatarju fl-ismijiet premessi mmexxija taht l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-artiklu 15(11) tal-Kap. 387 (Att dwar l-Arbitragg) tal-Ligijiet ta' Malta imur kontra l-provvedimenti tal-artiklu 39(2) tal-

Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artiklu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat l-ordni ta’ referenza li tat l-imsemmija Qorti fid-29 ta’ Novembru 2011, li jaqra hekk:

Tilqa’ t-talba sabiex issir Referenza Kostituzzjonali a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tirrimanda l-atti quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) sabiex jigi determinat jekk il-proceduri ta’ Arbitragg Mandatorju fl-ismijiet premessi mmexxija taht l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-artikolu 15 (11) tal-Kap. 387 (Att dwar l-Arbitragg) tal-Ligijiet ta’ Malta imurx kontra l-provvedimenti tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna komunika ta’ dan id-Digriet lir-Registratur tal-Qorti sabiex tali referenza tigi assenjata mill-iktar fiss lill-Qorti kompetenti.

Rat ir-risposta li ressaq l-Avukat Generali f’dawn il-proceduri, li in forza taghha eccepixxa illi:

Fir-referenza kostituzzjonali odjerna, din l-Onorabbli Qorti qeghda tigi mitluba biex tiddetermina jekk il-proceduri ta’ arbitragg mandatorju fl-ismijiet premessi mmexxija taht l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-Artikolu 15 (11) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta imorrux kontra l-provvediment tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-ewwel lok u **in linea preliminari**, ir-rikorrenti, li fuq talba taghhom saret din ir-referenza, ghandhom jindikaw liema aspetti tal-proceduri ta’ Arbitragg Mandatorju in kwistjoni huma allegatament lesivi tad-drittijiet fundamentali taghhom;

Fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, jekk huma qeghdin jistriehu intierament fuq il-lanjanzi li gew trattati fil-kazijiet li kkwotaw fir-rikors taghhom tat-12 ta’ Ottubru 2011 u cioe’ ta’ *Joseph Muscat vs Prim Ministru* u *H. Vassallo and Sons Ltd vs Avukat Generali et* allura

presumibilment qeghdin jalludu ghal tlett aspetti principali u cioe' l-procedura li tintuza fl-ghazla tal-Arbitru; l-allegata impozizzjoni tal-arbitragg forzat bhala wiehed li jcahhad lir-rikorrenti minn access ghal determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi civili taghha minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi; kif ukoll l-allegata cahda lir-rikorrenti mid-dritt t'appell shih.

Filwaqt li minn issa jirrizerva d-dritt li jirrispondi ulterjorment jekk ikun il-kaz, l-esponenti jichad bhala infondata fil-fatt u fid-dritt kwalunkwe allegazzjoni li l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-Artikolu 15 (11) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta huma lezivi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dan ghar-ragunijiet segwenti:

F'kazijiet meta l-arbitru ma jkunx maqbul mill-partijiet, il-fatt li jigi maghzul mic-Chairman tac-Centru ma jfissirx li l-istess arbitru ser ikollu ndhil dwar il-proceduri tal-arbitragg u/jew dwar kif se jiddeciedi l-kwistjoni quddiemu u li allura mhux indipendenti mill-Ezekuttiv. Huwa relevanti ukoll li l-partijiet, f'arbitragg mandatorju jistghu jaghzlu l-arbitru u l-arbitru jigi nominat mic-Chairman biss fil-kazijiet fejn il-partijiet ma jaqblux dwar l-arbitru.

In-nomina ta' arbitru m'hijiex wahda suggettiva u oltre dan, l-arbitru ghandu *security of tenure*. Inoltre, ir-Regolamenti dwar l-Arbitragg jipprovdu ghal salvagwardji ohra sabiex arbitru jaqdi d-dmirijiet tieghu skond il-ligi.

Jezistu ghalhekk il-garanziji ta' smiegh xieraq li jirrizultaw mir-regoli processwali.

Inoltre, f'kaz ta' arbitragg mandatorju, ic-cittadin mhux qed ikun imcahhad mid-dritt tieghu t'access ghall-Qorti stante li ghandu dritt t'appell lill-Qorti tal-Appell.

Finalment, ghal kull buon fini jigi rilevat li r-rikors tar-rikorrenti tat-12 ta' Ottubru 2011 jallega li a bazi tas-sentenzi ta' *Joseph Muscat vs Prim Ministru et* deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u ta' *H. Vassallo & Sons Ltd vs Avukat Generali et* deciza mill-Qorti Kostituzzjonali, il-pozizzjoni tal-Qrati taghna hija

ormai kristalizzata fis-sens li l-ligi dwar l-arbitragg mandatorju hija leziva ta’ drittijiet fundamentali.

L-esponenti jirribatti li dan mhux il-kaz. Fl-ewwel lok, is-sentenza ta’ Joseph Muscat moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti (Sede Kostituzzjonali) kienet giet revokata mill-Qorti Kostituzzjonali fejn gie dikjarat li l-proceduri ta’ arbitragg mandatorju mmexxija taht l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta m’humiex lezivi ta’ drittijiet fundamentali. Ulterjorment, jigi rilevat li t-tentattiv tal-istess Muscat li jressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem falla stante li l-applikazzjoni tieghu giet meqjusa inammissibbli f’dan l-istadju.

Mhux kontestat li ftit taz-zmien wara nghatat is-sentenza ta’ H. Vassallo & Sons Ltd li fiha, il-Qorti Kostituzzjonali, kuntrarjament ghas-sentenza ta’ Joseph Muscat, sabet lezjoni ta’ drittijiet fundamentali. Pero’, mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta’ H. Vassallo and Sons Ltd tat-30 ta’ Settembru 2011, hemm pendenti rikors b’talba ghal ritrattazzjoni u dan ghal diversi ragunijiet fosthom l-applikazzjoni hazina tal-ligi a tenur tal-Artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 u ukoll a tenur tal-Artikolu 811 (h) tal-Kap. 12 ghax is-sentenza ta’ H. Vassallo & Sons Ltd hija kuntrarja ghal sentenza ohra ta’ qabilha u cioe’ ta’ Joseph Muscat li giet deciza ftit taz-zmien qabel u li hija ormai *res judicata*.

Ghalhekk, il-pozizzjoni tal-esponenti hija konformi ma’ dik li giet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta’ *Joseph Muscat vs Prim Ministru* deciza fis-6 ta’ Settembru 2010 fejn gie dikjarat li l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-Artikolu 15 (11) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta effettivament m’humiex lezivi ta’ drittijiet fundamentali.

Finalment u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li fi kwalunkwe kaz, sabiex ikomplu jissahhu s-salvagwardji u l-garanziji ghal smiegh xieraq fil-process tal-arbitragg mandatorju, saru diversi emendi ghall-Att dwar l-Arbitragg permezz tal-Att numru IX tal-2010, liema emendi issa ilhom li gew fis-sehh permezz tal-Avviz Legali

10 tal-2011, l-Avviz Legali 448 tal-2011 u l-Avviz Legali 451 tal-2011.

Ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti ghandha twiegeb ghall-kwistjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) bid-digriet taghha tad-29 ta’ Novembru 2011 billi ma ssibx li l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-Artikolu 15 (11) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta imorru kontra l-provvedimenti tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-process pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri (Nru. 17/09), li ghalihom saret referenza mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimati;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti Victor Micallef kien involut f’incident tat-traffiku li sehh fil-31 ta’ Lulju 2006, u peress li kien hemm nuqqas ta’ qbil dwar ta’ min kienet ir-responsabilita’ ghall-incident, hu kellu jissottometti ruhu ghall-procedura ta’ arbitragg mandatorju – skont l-artikolu 15 (11) tal-Att dwar Arbitragg (Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta) – fejn gie deciz li hu jahti fi grad ta’ nofs ghall-incident. Mil-lodo arbitrali tressaq appell fil-15 ta’ Gunju 2009 (numru 17/09), izda fil-kors tas-smiegh tal-appell, ir-rikorrenti Victor Micallef, Saviour Micallef u Kevin Bartolo (l-ahhar tnejn kjamati fil-kawza quddiem l-arbitru u li ukoll instabu in parte responsabbli) talbu li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) taghmel referenza kostituzzjonali peress li qiesu illi l-provvedimenti tal-ligi li jipprovdu ghall-arbitragg mandatorju jiksru l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dik il-Qorti, b’digriet tad-29 ta’ Novembru 2011 laqghet it-talba u ordnat ir-referenza.

Saru mill-partijiet, referenza ghal diversi decizjonijiet tal-Qrati taghna fuq din il-kwistjoni. Din il-Qorti, kif presjeduta, taqbel mal-pozizzjoni li hadet din il-Qorti fi tlett sentenzi li huma taw u li fihom gie dikjarat li l-provvedimenti ta' arbitragg mandatorju jiksru d-drittijiet fundamentali ta' cittadin involut. It-tlett sentenzi huma dawn: "Grech v Calleja et", deciza fid-19 ta' Ottubru 2007, "Muscat v Prim Ministru et", deciza fid-29 ta' Mejju 2009 u "H. Vassallo & Sons Ltd v Avukat Generali et" deciza fil-11 ta' Marzu 2010. Din il-Qorti, fit-tlett kawzi, kienet presjeduta minn gudikant differenti f'kull kaz (fl-ewwel kawza, il-Qorti kienet ippresjeduta mill-Imhallef sedenti din il-Qorti ghall-fini ta' din il-kawza) u fit-tlett kazi intqal li l-arbitragg mandatorju kien imur kontra d-drittijiet fundamentali ta' dak li jkun.

Mit-tlett kawzi kien sar appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Fl-ewwel kaz, il-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza taghha fid-29 ta' Frar 2008 u rrevokat is-sentenza ta' din il-Qorti, minghajr, pero', ma qieset il-punt in ezami. Dak il-kaz kien tressaq quddiem din il-Qorti bhala referenza li kien ghamel it-Tribunal dwar Talbiet Zghar u l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat bhala null il-process ta' referenza u l-eventwali sentenza peress li ma kienx kompitu ta' dak it-Tribunal li jaghmel referenza kostituzzjonali.

Fil-kaz ta' "Muscat", il-Qorti Kostituzzjonali, fis-6 ta' Settembru 2010, irrevokat ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti, din id-darba fuq il-meritu, u wara li ezaminat il-ligi dwar arbitragg qalet li, "fid-dawl tal-klassi ta' tilwimiet soggetti ghall-arbitragg obbligatorju", ma tistax tghid li l-process kollu ma jaghtix garanzija ghal smiegh minn tribunal indipendenti u imparzjali.

Fil-kaz ta' "H.Vassallo & Sons Ltd", il-Qorti Kostituzzjonali kellha okkazjoni terga' tezamina l-pozizzjoni u fis-sentenza li tat fit-30 ta' Settembru 2011, irrevediet il-pozizzjoni taghha u qablet mas-sentenza ta' din il-Qorti li kienet iddikjarat l-arbitragg obbligatorju bhala anti-kostituzzjonali.

Din il-Qorti, kif issa presjeduta, wara li regghet hasbet fuq il-materja, taqbel ma' dan l-ahhar pronunzjament li tat il-Qorti Kostituzzjonali, u taqbel ukoll mal-pozizzjoni li hadet din il-Qorti fit-tlett kawzi aktar qabel imsemmija. Hi ezaminat l-argumenti tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' "Muscat", pero' ma tistax taqbel maghhom. Fl-ewwel lok, din il-Qorti ma taqbilx li materji li jinvolvu valur li ma jaqbizx il-€11,646.87 huma ta' importanza "relattivament modesta" u li, allura, huma "klassi ta' tilwimiet" li, donnhom, ma jixraqilhomx il-protezzjoni kompleta tal-ligi. Hu veru li dik il-Qorti osservat li anke dawn it-tilwimiet ghandhom ikunu ggudikati "b'harsien shih tal-jedd ghal smiegh xieraq", pero', in ultima analizi rreferiet ghal dawn il-"klassi ta' tilwimiet" bhala konsiderazzjoni (wahda minnhom) li waslet lill-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Ghall-haddiem salarjat, somma ta' madwar €10,000 jew €11,000 m'hijiex "relattivament modesta", u zgur li hafna drabi ma jkunx jista' jaffordja li jhallas spiza bhal din. Dan ghandu dritt ghal salvagwardji kollha li tipprovdi l-ligi ghal kull kaz iehor.

Lanqas ma tista' taqbel mal-konsiderazzjoni li hafna mid-decizjonijiet li jiehu ic-Centru tal-Arbitragg marbuta mat-tmexxija tal-arbitragg huma decizjonijiet amministrattivi, soggetti ghal "judicial review" u kwindi dak li jkun jista' dejjem jitlob stharrig ta' xi decizjoni li ttiehdet fil-kaz tieghu. Jekk l-arbitragg se jitqies "tribunal" ghall-effetti kollha tal-ligi, il-kompozizzjoni tieghu u l-kontroll fuq l-istess iridu jkunu b'mod li l-indipendenza u l-imparzjalita' tieghu jidhru ictu oculi u b'mod oggettiv, u mhux soggetti ghar-review amministrattiva, skont il-kaz, bil-limitazzjoni fid-dritt li dan il-process joffri. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mhux l-ewwel darba li insistiet fuq tribunal jew qorti li mhux biss ikun indipendenti jew imparzjali, izda li jkollu "an appearance" ta' indipendenza u imparzjalita' (ara "Wettstein v Switzerland", deciza fil-21 ta' Dicembru 2000).

Fil-fatt, fil-ktieb ta' van Dijk u ohrajn, "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (Ediz.

1998 pagni 454 – 455) jinghad hekk dwar il-htiega li tribunal irid jaghti garanzija oggettiva ta' imparzjalita'.

"*The objective approach refers to the question whether the way in which the tribunal is composed and organised, or whether a certain coincidence or succession of functions of one of its members, may give rise to doubt as to the impartiality of the tribunal or that member. If there is reason for such doubt, even if subjectively there is no concrete indication of partiality of the person in question, this already amounts to an inadmissible jeopardy of the confidence which the court must inspire in a democratic society*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Kif osservat din il-Qorti, specjalment fil-kaz "Grech v Calleja", hemm diversi provvedimenti fil-ligi tal-arbitragg li zgur jitfghu dubju dwar il-kunfidenza li parti ghandha jkollha fis-smiegh.

L-indhil mic-Centru fuq il-kompozizzjoni tat-tribunal tal-arbitragg u fuq il-provvdimenti tal-istess ma joholqux affidament li kollox ikun sar fil-kuntest ta' smiegh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali. Din il-Qorti qieset ukoll il-kaz "Frendo Randon et v Il-Kummissarju tal-Art et", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Lulju 2009, fejn sabet li l-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet ma kienx, kif kompost, Bord indipendenti u imparzjali u dan, b'mod partikolari, peress li l-membri teknici tal-istess bord kien jonqos fihom l-apparenza ta' indipendenza u imparzjalita':

"*.... liema membri ma jgawdux is-sigurta' tal-ufficju taghhom, billi dawn jigu nominati mill-awtoritajiet kompetenti u jistghu facilment jitnehhew mill-istess awtoritajiet, jew l-inkarigu taghhom ma jigix konfermat.*"

L-istess ragunijiet ghandhom japplikaw ghal dan il-kaz.

Il-paragun li ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' "Muscat" bejn arbitru li jista' ma jintghazilx ghall-arbitraggi ohra, ma' Imhallef jew Magistrat li jkun se jirtira bl-eta' izda li xorta jibqa' indipendenti avolja jkollu l-lixka ta' xi funzjoni jew kariga ohra mill-ezekuttiv, m'hijiex flokha.

Mhux biss li, anke fil-kuntest tal-gudikatura, il-materja hija wahda kontroversjali, izda gudikant ghandu, sa ma jirtira fl-eta’ ta’ 65 sena, “security of tenure” indipendentement minn jekk id-decizjonijiet tieghu ikunux favorevoli jew kontra l-ezekuttiv, “security of tenure” li ma jgawdix minnha l-arbitru. Kif gie osservat fil-kaz “Brincat v Avukat Generali et”, deciza minn din il-Qorti fl-10 ta’ Jannar 2003, u dan b’referenza ghad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea, “*the irremoveability of judges during their term of office, whether it be for a limited period of time or for life time, is a necessary carollary of their indipendence*”. F’dan il-kaz, skont il-ligi, l-arbitru lanqas “term of office” ma ghandu, u jista’, f’certi cirkostanzi, anke jigi mibdul fil-kors tas-smiegh ta’ kaz.

Ghall-bqija, din il-Qorti taghmel taghha l-osservazzjonijiet u l-kummenti li ghamlet din il-Qorti fit-tlett sentenzi aktar qabel imsemmija, u li ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ta’ “H. Vassallo & Sons Ltd” u tqis li l-provvedmenti tal-ligi li jipprovdu ghall-arbitragg mandatorju, almenu kif kienu fiz-zmien rilevanti, jiksru d-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti bl-artikoli indikati tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.

Saret referenza ghal-ligi kif kienet fiz-zmien relevanti peress li bl-Att numru IX tal-2010, l-Att dwar l-Arbitragg gie emendat u wiehed jista’ jghid li l-emendi introdotti jwiegbu ghal hafna mill-problemi li ssollevat din il-Qorti fit-tlett sentenzi aktar qabel imsemmija. Din il-Qorti m’hijiex se tiddiskuti l-effetti ta’ dawk l-emendi fuq il-kaz ta’ arbitragg mandatorju, peress li dawn l-emendi dahlu fis-sehh, ghal dak li jikkoncerna arbitragg, f’Novembru tal-2011, u kwindi ma kellhomx forza legali la meta sehh l-arbitragg u lanqas ma gie pprezentat l-appell f’dan il-kaz, liema appell, ovvjament, seta’ jsir fit-terminu tal-ligi kif kienet dak iz-zmien.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, twiegeb ghar-referenza li saritilha mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-sens li tqis li l-procedura ta’ arbitragg mandatorju mmexxija taht l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-Artikolu 15 (11) tal-Kap. 387 (Att dwar Arbitragg)

tal-Ligijiet ta’ Malta, kif kienu applikabbli ghal dan il-kaz, imur kontra l-provvedimenti tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ispejjez ta’ din il-procedura jithallsu kollha mill-Avukat Generali.

Tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza tigi inserita fil-process tal-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), numru 17/09 RCP, li giet differita sine die fl-10 ta’ Jannar 2012, pendenti l-ezitu finali ta’ dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------